**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Christopher Sammut**

Kaz Numru: 1077/13

Illum 28 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Sammut, detentur ta' karta tal-identita' 538772(M):

Billi inti akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnek wkoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Nhar id-9 ta' Settembru tas-sena 2011 ghall habta tas-14:00 hrs gewwa l-Kampus tal-Universita gewwa Msida, ikkommettejt serq

ta' Kartiera, kontenenti erbghin Lira Sterlina u tliet Debit Cards ghad-dannu ta' Colin Calleja u jew ta' persuna/i ohra, u dan bi ksur tal-Artikulu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U akatar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' seba' mija w sittin ewro (€730.00) ghad-dannu ta' Colin Calleja u jew ta' Bank of Valletta u dan bi ksur tal-artiklu 308 u 310 (b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
3. Talli nhar l-10 ta' April tal-2013 ghall-habta tad-9:00 hrs, bil-hsieb li tikkommetti serq minn gewwa ufficini ta' EC School gewwa Triq Marguerite Mangion, San Giljan ghad-dannu ta' Adrian Portanier u jew persuna/i ohra, accedejt gewwa l-istess ufficini u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek skont l-Artiklu 284 u 41 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
4. Ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, ikkommettejt hsara ta' natura volontarja gewwa l-istess ufficju ghad-dannu ta' Adrian Portanier u/jew persuna/i ohra liema hsara tammonta ghal hamsin ewro.
5. Talli nhar it-2 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tas-17:40 hrs gewwa Lukanada San Antonio fi Triq it-Turisti gewwa San Pawl il-Bahar, ikkommettejt serq ta' safe ghad-dannu ta' John Beirne u/jew persuni/i ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur skont l-Artikolu 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Talli nhar l-4 ta' Dicembru tas-sena 2012 ghall-habta tal-17:30hrs, bil-hsieb li tikkommetti serq minn gewwa ufficini gewwa Park Towers Shopping Mall gewwa Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan ghad-dannu ta' Ibrahim Halim u jew Persuna/i ohra, accedejt gewwa l-istess ufficcini u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek skont l-Art 284 u 41 (1) (a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Talli nhar is-27 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tas-14:30 hrs gewwa Park Hotel fi Triq Graham, Sliema, ikkommettejt serq ta' prodott tat-Tabakk li ammontat ghal mitejn ewro (€200) kif ukoll madwar

mitejn ewro (€200) fi flus kontanti ghad-dannu ta' Charles Selvaggi u/jew persuna/i ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur skont l-Artikolu 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Talli nhar il-15 ta' Marzu 2012 f'xi hin bejn l-16:15 hrs u s-18:00 hrs gewwa l-Kampus tal-Universita' gewwa l-Imsida, ikkommettejt serq ta' apparat tal-kumpjuter li ammontat ghal disghin ewro (€90) ghad-dannu ta' Linsey Cauchi u/jew persuna/i ohra liema serq bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.
9. U talli rrendejt ruhek recidiv skont sentenzi moghtija lilek, liema sentenza huma defnittivi u ma tistax jigu mibdula u dan bi ksur tal-Art 49, 59 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab akkuzat li wettaq diversi serqiet f'diversi granet jew ittenta jisraq, kif ukoll bi frodi.

F'dan l-istadju jehtieg li jigi rilevat li inkwantu ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, din il-Qorti tqis li ghandha tiga skartata u dan peress li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018; kif ukoll **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[1].

**<u>L-ewwel zewgt imputazzjonijiet - 9 ta' Settembru 2011</u>**

[1] Qorti Kostituzzjonali deciza fl-14 ta' Dicembru 2018

Fid-9 ta' Settembru 2011, is-sur Colin Calleja mar irrapporta l-Ghassa tal-Imsida li waqt li kien qieghed xoghol gewwa l-Universita' nnotta li huwa seta' tilef il-wallet li fih kellu xi cards bhal VISA u Cashlink jew xi hadd hadlu l-card mill-wallet u kellu wkoll €50 fi flus kontanti u £50[2]. Aktar tard ircieva sms mill-Bank li kienu ngibdilu €250 minn gewwa l-kont tieghu. Sussegwentement informa lill-Pulizija li kien ircieva tlett messaggi li kienu ngubdulu aktar flus mill-kont tieghu - €250, €500, u €10. L-Ispettur Saviour Baldacchino xehed[3] li kif sar jaf b'dan baghat lis-Surgent 1575 Robert Fava fl-inhawi tal-ATM u gabar il-kamera li tkun fuq l-ATM u hargu xi stills[4].

**Colin Calleja** xehed[5] li waqt li kien qieghed fl-ufficcju tieghu fl-Universita' rcieva messagg li ngibdu xi flus. Mar jiccekkja l-wallet u nduna li kellu card tal-BOV nieqsa. Fil-messagg li rcieva l-indikazzjoni kienet li ingibdu flus mill-magna tal-HSBC tal-Universita'. F'dak il-mument filwaqt li cempel lill-Bank biex jitwaqqfu t-transazzjonijiet beda mixi lejn il-magna. F'dak il-mument ircieva messagg li ngibdu €100, €500, €500 u ngibdulu wkoll €10. Huwa kien gharaf lill-imputat mir-ritratti li wrewh il-Pulizija. Huwa xehed li ma kellux il-pin number fil-kartiera ghalkemm kien izommu fil-mowbajl taht isem iehor u l-mowbajl kien vicin il-kartiera u ma kienx ikun locked.

Mill-istills prezentati mill-prosekuzzjoni l-imputat jidher car hafna li qieghed jidhol fil-bini tal-Universita' meta ma nghatatx spjegazzjoni ghalfejn kien qieghed hemm u jidher ukoll juza' l-ATM fil-hinijiet li jikkombacjaw mal-messaggi li rcieva s-sur Calleja li kienu ngibdilu l-flus. Irrizulta wkoll[6] li fid-data inkwistjoni f'temp ta' anqas minn hames minuti ngibdu l-ammonti ta' €250, €250, €500, €10 fit-total ta' €1,010.

Ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li hija biss l-ewwel imputazzjoni li giet ippruvta.

---

[2] PIRS report RF10 a fol 73 tal-process

[3] Seduta tal-1 ta' Dicembru 2014

[4] Dok SB 1 sa SB 11 a fol 57 tal-process.

[5] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2015

[6] Dok AM2 a fol 106 tal-process

Mill-provi prodotti l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' frodi ma gewx sodisfatti billi ma jirrizultax li kien hemm xi messa in xena. Ghalhekk l-imputat se jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet u r-Raba' imputazzjonijiet – 10 ta' April 2013**

Kien sar rapport minn certu Adrian Portanier Mifsud li xi hadd kien dahal fl-EC School u kienet saret hsara gewwa wiehed mill-ufficcju amministrattiv liema hsara tammonta ghal madwar €50 li saru fuq kabinett tal-injam izda ma nsteraq. Is-sur Portanier Mifsud ghadda wkoll kopja ta' cctv footage u anke ritratt tal-persuna suspettata.

Meta **Adrian Portanier** xehed[7] dwar ir-rapport li kien ghamel u dwar ir-recording tal-footage li ghadda lill-pulizija liema cctv footage spjega li kien fil-kuritur tal-iskola. Deher persuna fuq il-filmat u fl-istills ezebiti[8]. Sabu hsara f'lock f'bieb tal-aluminium. Biss ma kien insteraq xejn.

Illi m'hemmx dubju mill-footage u mill-istills li kien l-imputat li ittenta jisraq. Prova li l-ammont tal-hsara li saret kienet fl-ammont ta' hamsin euro ma ngabitx izda billi hsara saret il-Qorti se tqis li l-ammont kien anqas minn €23.29 bi ksur tal-artikolu 325(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk anki dawn l-imputazzjonijiet gew ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

**Il-Hames Imputazzjoni – 2 ta' Dicembru 2012**

Kien sar rapport minn certu John Beirne fil-kapacita' tieghu ta' Manager fil-Hallmark Holiday Investment li kellhom ufficcju sitwat fil-Hotel San Antonio fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar li kien instab safe nieqes minn gewwa l-ufficcju. Mill-investigazzjoni li twettqet irrizulta li f'dan is-safe ma kien hemm xejn izda l-istess safe kien jiswa' ammont ta' flus u inoltre' kienu sabu zewg bibien sgassati[9].

[7] Seduta tad-9 ta' Mejju 2015
[8] DOK AP1 sa AP3 a fol 152 et seq tal-process
[9] Xhieda Spettur Saviour Baldacchino tal-1 ta' Dicembru 2014

Certu **Alison Zammit Moore**[10], Assistant General Manager tal-lukanda, ghaddiet CCTV footage, li minnu nhargu l-istills[11] minn liema jidher l-imputat. Din ix-xhud spjegat li mill-istills ezebiti bhala Dok SB 12 sa SB 14 l-imputat jidher niezel mit-tarag minn mal-main entrance tal-lukanda u jidher idur lejn l-ufficini tat-timeshare u imbaghad hiereg il-barra lejn il-pool. L-imputat ma kellux ghalfejn ikun prezenti f'dawk l-ambjenti.

Fid-dawl ta' tali rizultanzi l-Qorti tqis li billi ma ngabitx prova tal-valur tas-safe, l-imputat jista' jinstab biss hati ta' serq semplici u mhux ta' serq aggravat bil-valur.

**<u>Is-Sitt Imputazzjoni – 4 ta' Dicembru 2012</u>**

Fil-5 ta' Dicembru 2012 kien sar rapport minn Ibrahim Halim gewwa l-Ghassa ta' San Giljan li l-ufficini tal-kumpanija fejn kien jahdem huwa, Park Towers Shopping Mall fi Triq San Gorg, San Giljan kienu gew sgassati. Sabu taqlib shih fl-ufficcju ghalkemm ma kien insteraq xejn. Billi dan il-fond kellu CCTV footage, il-pulizija gew mghoddija tali footage u mill-istess gew prezentati stills[12].

Fix-xhieda tieghu **Ibrahim Halim**[13] ikkonferma r-rapport li kien ghamel. Huwa spjega li kien sab il-bieb sgassat. Huwa kkonferma wkoll li l-istills juru l-ambjenti tal-ufficcju tieghu.

Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li kien l-imputat li wettaq tali reat ghaliex dan jidher car mill-istills ezebiti.

**<u>Is-Seba' Imputazzjoni – 27 ta' Dicembru 2012</u>**

Fit-28 ta' Dicembru 2012, il-Pulizija rceviet rapport minghand is-sur Charles Selvagi, Manager gewwa Palm Hotel, Graham Street, Sliema li kien akkumpanjat mis-sur Joseph Cutajar fejn irrappurtaw li wara nofsinhar tal-gurnata ta' qabel kienu skoprew li l-magna tas-sigaretti fl-istess lounge area tal-premises kienet giet imbabsa. Wara li

---

[10] Xhieda tat-3 ta' Dicembru 2015
[11] Dok SB12 sa SB17 a fol 58 tal-process
[12] Dok SB18 sa SB26 a fol 59 tal-process
[13] Seduta tat-3 ta' Dicembru 2015

ccekkjaw din il-magna skoprew li kienu ttiehdu madwar €700 fi stock u €200 fi flus. Il-pulizija marru fuq il-post fejn gie elevat CCTV footage li minnu nhargu stills[14] minn fejn l-imputat jidher fl-inhawi u jidher jaqleb il-kaxxa tas-sigaretti wiccha 'l isfel.

**Joseph Cutajar** filwaqt li kkonferma dak li rrapporta, xehed[15] li kienu sabu s-sigaretti neqsin u l-magna saritilha hafna hsara. Charles Selvagi xehed[16] li l-persuna li tidher fl-istills ma kellux ghalfejn ikun fuq il-post billi la kien impjegat u lanqas klijent.

Meta tressqu x-xhieda ma ngabitx prova dwar kemm sigaretti nsterqu jew dwar kif wasslu ghall-ammonti minnhom indikati.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-aggravju tal-valur izda biss ta' serq semplici.

**<u>It-Tmien Imputazzjoni – 15 ta' Marzu 2012</u>**

Fil-15 ta' Marzu 2012 Lindsey Cauchi rraportat li kienet indunat li l-handbag taghha li hija halliet gol-locker rooms tal-librerija tal-Universita' ta' Malta li fih kellu hard drive kien insterqilha. Aktar tard hija giet mgharfa li fit-toilet kien hemm il-basket taghha. Il-Pulizija kienet gabret CCTV u nhargu stills[17].

**Lindsey Cauchi** xehdet[18] li dakinhar tal-incident hija halliet il-basket fil-pigeon holes tal-librerija u meta nizlet xi kwarta wara ma sabitux fejn hallietu. B'hekk sar ir-rapport. Wara l-lecture giet infurmata li l-basket kien thalla fuq flushing ta' toilet u l-hard drive sabitha. Din kienet tiswa madwar €80.

Mill-istills ezebiti jidher car li kien l-imputat li wettaq din is-serqa. Ghalhekk l-imputat se jinstab hati ta' tali imputazzjoni.

---

[14] Dok SB27 sa SB36 a fol 60 tal-process
[15] Seduta tat-3 ta' Dicembru 2015
[16] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2015
[17] Dok RF1 sa RF 8 a fol 68 tal-process
[18] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2015

**Addebitu tar-Recediva**

Il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja fotostatika ta'zewg sentenzi li nghataw fil-konfront ta' Christopher Sammut[19]. Il-konnotati hemm indikati huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Lulju 2010, l-imputat kien ikkundannat ghal seba' xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Mentri fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fil-21 ta' Marzu 2012 l-imputat kien tpogga taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin.

Illi din l-ahhar sentenza ma tistax tittiehed in kunsiderazzjoni ghall-addebitu tar-recediva billi ordni ta' probation mhux kundanna.

Inkwantu ghas-sentenza l-ohra jigi rilevat li l-imputat qieghed jinstab hati billi inkwantu ghal uhud mill-imputazzjonijiet t-terminu kien lahaq iddekorra, ghalkemm inkwantu ghal ohrajn l-imputat wettaq r-reati waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza. L-imputat kien instab hati ta' serq.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-imputat qieghed jinstab hati ta' dan l-addebitu fit-termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali izda mhux l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u s-social inquiry report li thejja minn fejn jirrizulta li l-imputat ghal zmien twil kien fil-vizzju tad-droga izda rrizulta li sa mit-22 ta' Settembru 2016 huwa beda jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni li huwa temm. Madankollu jirrizulta wkoll li l-imputat inghata hafna drabi opportunitajiet minn dawn il-Qrati u sahansitra fiz-zmien li huwa kien taht probation ikkommetta r-reati. Ghalhekk il-Qorti se tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija effettiva xorta wahda.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 284, 285, 289 u 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront

---

[1919] Dok SB 37 u Dok SB 38

tieghu u inkwantu ghar-raba′ imputazzjoni ma ssibx lill-imputat hati li kkawza hsara ta′ hamsin euro izda anqas minn tali ammont; u inkwantu ghas-seba′ imputazzjoni qeghda ssibu biss hati ta′ serq semplici, issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u inkwantu ghall-addebitu tar-recediva qeghda ssibu hati biss bi ksur tal-artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali izda mhux tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 u tikkundannah ghal disa′ xhur prigunerija.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**